**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Emanuel Stellini**

Kaz Nru: 250/15

Illum 8 ta' Mejju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Emanuel Stellini**, ta' 63 sena, iben Joseph u Maria Anna nee' Buttigieg, imwieled Kercem, Ghawdex, nhar it-22 ta' Ottubru 1950 u residenti fil-fond Villa Stellini, Triq l-Orkestra tad-Dudi, Santa Lucia l/o Kercem Ghawdex, detentur ta' karta tal-identita' 79250(G).

Akkuzat talli nhar is-27 ta'Mejju 2011 gewwa diversi postijiet f'dawn il-gzejjer, f'hinjiet differenti;

1. Ghamel diversi dikjarazzjoniijiet bil-gurament quddiem il-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut liema dikjarazzjonijiet kienu foloz u dan bi ksur tal-artikolu 106 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li ghamel diversi dikjarazzjonijiet bil-gurament quddiem prokuratur legali liema dikjarazzjonijiet kienu foloz u dan meta ghamel dikjarazzjonijiet bil-gurament f'rikors li huwa ghamel ai fini tal-kawza numru 74/1990 fl-ismijiet 'Joseph Stellini et vs Carmel Stellini et' liema kawza kienet qeghda fi stadju ta' appell.

Mill-atti jirrizultaw is-segwenti fatti:

- Fis-sena 1990 giet intavolata kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali (74/1990) fl-ismijiet Joseph Stellini et vs Carmel Stellini et. Din il-kawza proposta kienet dik ta' *familiae erciscundae* billi kienet titratta divizjoni ta' wirt tal-genituri tal-kontendenti fil-kawza.
- Joseph Stellini, missier l-imputat, miet fil-mori tal-kawza u l-gudizzju gie trasfuz f'isem l-eredi tieghu ossija wliedu fosthom Emanuel Stellini li huwa l-imputat odjern.
- Anthony Cauchi fil-mori tal-kawza akkwista l-fond bin-numru 95/96, Triq Santa Lucija, Kercem u inoltre assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju ta' ulied il-mejjet Emanuel Xuereb fl-24 ta' Ottubru 2007 u ghaldaqstant kien ukoll wiehed mill-konvenuti fil-kawza.
- Din il-kawza giet deciza fl-ewwel istanza fit-3 ta' Marzu 2009. Permezz ta' din is-sentenza filwaqt li gie ordnat il-bejgh b'licitazzjoni tal-fond numru 30, Triq Bir ir-Rix, Santa Lucija, Ghawdex; il-Qorti laqghet l-eccezzjoni sollevata minn uhud mill-konvenuti u ddikjarat li l-fond numru 96, Triq Santa Lucia, Kercem, Ghawdex huwa proprjeta' esklussiva ta' Anna mart Anthony Xuereb peress li gie akkwistat minnha b'titolu ta' preskrizzjoni.
- Gie interpost appell mis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2009 minn Emanuel Stellini u hutu li kien limitat ghall-fond 95/96, Triq Santa Lucia, Kercem, Ghawdex fis-sens li talbu lill-Qorti tal-Appell sabiex tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u konsegwentement tinkludi bhala parti mill-assi ereditarji tal-mejtin konjugi Stellini.
- Fil-mori tal-appell precizament fis-27 ta' Mejju 2011, l-appellanti (cioe' Emanuel Stellini u hutu/jew l-eredi) ipprezentaw rikors fejn gie sostnut li wara li kien gie prezentat l-appell kienu gew a konjizzjoni taghhom xi kuntratti li kienu relevanti ghall-kaz meta huma ma kienux jafu bl-ezistenza tal-istess kuntratti u saru jafu

bihom tramite terzi estranei ghall-kawza u ghalhekk talbu lill-Qorti tal-Appell (Superjuri) sabiex l-istess dokumenti jigu ammessi f'dak l-istadju tal-appell. Apparti kuntratti r-rikors jirreferi wkoll ghal dokument tat-taxxa u ghall-istatus animarum tal-parrocca ta' Kercem.

- Fuq dan ir-rikors hemm timbru li jindika li fil-gurnata tas-27 ta' Mejju 2011 kien deher Emanuel Stellini, detentur tal-karta tal-identita' numru 0079250(G) quddiem il-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut li halef il-korrettezza tal-istess att waqt li l-istess att kien gie moqri lilu.
- Wara li giet intavolata r-risposta min-naha tal-appellat Anthony Cauchi u wara li saret trattazzjoni dwar l-istess talba inghata provvediment mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru 2012 li kien limitat biss ghat-talba ghall-produzzjoni ta' dokument mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u dan billi b'referenza ghad-dokumenti l-ohra dawn kienu diga' prezentati in atti. Il-Qorti tal-Appell cahdet it-talba tal-appellanti.
- Permezz tas-sentenza tal-31 ta' Mejju 2013 il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Prim'Istanza.

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni u l-parte civile jsostnu li l-imputat wettaq ir-reat ta' spergur hekk kif ipotizzat fl-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jaqra :

***"106.** (1) Kull min jaghti xiehda falza f'materja civili, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) jghoddu ghal kull persuna li, bhala parti f'kawza civili, tahlef il-falz.*

*(3) Kull min jaghmel affidavit falz, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li jkun jaf li dak l-affidavit ikun mehtieg jew mahsub ghal proceduri civili f 'Malta, jehel, meta jinsab hati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1)."*

Dan l-artikolu ghalhekk jipotizza tlett istanzi ta' spergur fi proceduri civili u cioe' l-ispergur mix-xhud, l-ispergur minn persuna li hija parti fil-kawza civili u l-affidavit falz. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Said**[1] inghad:

"Dana ir-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854. Sussegwentment saru xi emendi zghar ghar-rigward tal-piena u recentement meta bl-Att III tal-2002 gie mizjud is-subinciz tlieta in

---

[1] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-28 ta' Ottubru 2010

konnessjoni max-xhieda permezz tal-procedura ta'l-affidavit li issa saret parti mil-ligi procedurali taghna. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-*ratio* ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega:

"*Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero*."

Fuq l-istess vena ighid l-Antolisei:

"*L'Autorita' gudizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bizogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinche' possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo' fuorviare l'attivita' giudizziara e per questa ragione viene sottoposta a pena. …. Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza*."[2]

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta it-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana ir-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' iwassal biss ghal *miscarriage of justice*, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Minn dana il-bran ukoll jemergu l-elementi legali li isawwru dana ir-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-esistenza ta' dana ir-reat tal-*judicial perjury* cioe':

"(i) *a testimony given in a cause*.

(ii) *on oath lawfully administered by the competent authority*.

(iii) *Falsity of such testimony in a material particular*.

(iv) *willfulness of such falsity or criminal intent*."

Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana ir-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xhieda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skont il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-Mamo ighid:

[2] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

"*It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision*.

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioe' x-xhieda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti ghaldaqstant. Kif ighidu l-awturi fosthom il-Manzini dina tista' tkun wahda minn tlett ipotesi u cioe' " *l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza*."[3]

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti li jistghu iwasslu ghal kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xhieda li tinghatat u l-intenzjoni tax-xhud.

Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita trid tkun tirreferi ghal **<u>fatt materjali u determinati ghal ezitu tal-kawza</u>**. Il-Mamo ighid: "*In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. … the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist*." Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino : "*Perche' sussista la falsa testimonianza … e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute* ***<u>siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisiona di questa</u>***." (sottolinjar tal-Qorti).

L-istess ighid l-Antolisei:

"*Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato comesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che*

[3] Capitolo XIX Delitti Contro l'amministrazione della giustizia.

*per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono* ***non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria***." (sottolinjar tal-Qorti). [4]

Ghalhekk kwalunkwe xhieda li ma ghandha l-ebda relevanza ghall-ezitu tal-kawza ghalkemm tista' tkun inveritjiera ma tista' qatt twassal ghar-reat tal-ispergur. Ikompli il-Mamo: "*All the authorities are unanimous that a crime of false testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court*."

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha *mens rea* tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo: "*The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. … Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted*."

L-istess ighid l-Antolisei:

"*Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica*."

Il-Maino ukoll isostni:

"*L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e* ***la coscienza di mentire*** *o* ***di nascondere la verita***. *… Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze.*"[5]

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussiti dana ir-reat bil-fors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioe' irid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma ighidx il-verita. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xhieda inveritjiera ma tista twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana id-delitt."

---

[4] Ibid.

[5] Commento al Codice Penale – Dei delitti contro l'amministrazione della giustizia.

Fis-sentenza moghtija mil-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ruth-Mary Baldacchino** deciza fis-26 ta' Mejju 2016 saret proprju referenza ghall-awturi u insenjamenti appena riportati.

Intqal ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Rose Borg et**[6] li:

"Illi ghal kull buon fini u dwar x'inhu il-"falz" il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirreferi ghal dak li qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili[7]:

*Bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li b'"falz" wiehed irid hawn jifhem "xi haga li ma taqbilx mas-sewwa" u mhux semplicement "xi haga li l-parti ma taqbilx maghha" jew li haddiehor jaraha b'mod iehor. Fi kliem iehor, biex jista' jintwera li nghad il-falz taht gurament irid jintwera li xi fatt imieri dak li nghad. Tali fatt irid jirrizulta mill-atti u mhux jissemma biss bhala argument. Li kieku kien hekk, u l-fehma li ma taqbilx kienet tista' titqies bhala "falz", kieku jista' tassew jinghad li ma tezistix kawza mqar wahda fejn ma jinghadx il-falz!*

Illi stabbilit x'inhuma l-elementi li jridu jigu pruvati biex l-imputati jinstabu hatja tar-reati lilhom addebietati l-Qorti issa trid tghaddi biex tevalwa l-provi prodotti fid-dawl tal-gurisprudenza u dottrina fuq kwotata.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li minkejja r-regola generali li x-xhieda ta' xhud wiehed, jekk emmnut, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta[8], hemm eccezzjonijiet ghal din ir-regola. Fil-fatt l-artikolu 639 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *ħadd ma jista' jiġi misjub ħati ta' kalunnja,* ***sperġur, jew ġurament falz***[9]*, fuq ix-xiehda weħedha ta' xhud wieħed biss li jmeri l-fatt li jkun xehed qabel taħt ġurament l-imputat jew l-akkużat; iżda dan l-imputat jew akkużat jista' jiġi misjub ħati fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss, meta din ix-xiehda tkun korroborata f'xi ċirkostanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat, minn provi oħra miġjubin skont il-liġi*. Dan il-principju jsib riaffermazzjoni f'diversi sentenzi tal-Qrati taghna[10] ."

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmela Cutajar** [11] , il-Qorti b'referenza ghall-artikolu appena citat qalet:

---

[6] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fl-10 ta' Ottubru, 2016

[7] Ref *Improved Design Limited vs Antoine Grima*, deciza 04.03.2004 kwotata ukoll fil-kawza Pulizija vs Carmela Cutajar deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) 28.09.2106.

[8] Ref artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[9] Sottolinear tal-Qorti

[10] Pulizija vs Wigi Attard Appell Kriminali deciza 24.04.1951; Pulizija vs Antonio Zammit deciza 24.03.1957.

[11] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-28 ta' Settembru 2016

"Now according to Maltese Law abovementioned, the evidence of one witness alone may be sufficient to convict a person of the crime of perjury, provided that there are other circumstances pointing towards the guilt of this person. Hence in the case ***Il-Pulizija vs Wigi Attard*** the Criminal Court on the 24th April 1951, held that : -

Hadd ma jista` jinstab hati ta` xhieda falza fuq ix-xhieda wehdiha ta` xhud wiehed biss li jikkontradici l-fatt li qabel ikun xehed l-imputat taht gurament; izda l-imputata jista` jigi misjub hati fuq ix-xhieda ta` xhud wiehed biss, jekk dik ix-xhieda tkun korroborata f'xi cirkustanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat minn provi ohra migjubin skond il-ligi. Id-diportament tax-xhud waqt li jkun jixhed hu, bla dubju, ta` l-akbar importanza ghall-finijiet ta` l-attendibilita` tax-xhieda teighu. U d-dikajrazzjoni ta` terza persuna, li spontaneament tinkolpa ruhha minflok l-imputat, u "in kontradizzjoni tal-provi", ghandha tigi kunsidrata bl-akbar cirkospezzjoni."

Moreover, this was also echoed in the case decided by the Criminal Court in re ***Il-Pulizija vs Antonio Zammit***" decided on the 2nd March 1957 where it was held that :

'Imputazzjoni ta` spergur tista` tigi sostnuta fuq ix-xhieda ta` xhud wiehed biss, meta dan ix-xhud huwa korroborat f'xi cirkustanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat minn provi ohra migjubin skond il-ligi.'

In ***Il-Pulizija vs Frangisk Galea*** decided by the Criminal Court on the 29th March 1952, it was also decided :

'Ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, li jmeri dak li xehed qabel taht gurament l-imputat, mhix bizzejjed skond il-ligi biex tikkonvinci lill-imputat bhala hati ta' spergur, jekk ma tkunx korroborata b'xi cirkustanza li tkun tiswa, biex tistabbilixxi d-delitt ta' spergur, ma provi ohra migjuba skond il-ligi. Certament hu mholli ghall-gudizzju tal-Qorti, fil-kaz partikulari li jkun, li tiddecidi jekk tkunx tista' torbot definitivament fuq ix-xhieda ghall-prova ta' dak li jkun xehed l-imputat; u huwa dejjem desiderabili li, f'kaz ta' spergur, ikun hemm in-notamenti tax-xhieda mehuda skond il-ligi u moqrija lix-xhud ghall-finijiet tal-konferma; ghax f'dak il-kaz ikun hemm prova mill-aqwa, li difficilment tista'"

Ikkunsidrat

Jehtieg issa li jigu evalwati l-provi prodotti fid-dawl tal-gurisprudenza u dottrina fuq kwotata sabiex jigi determinat jekk l-imputat hux hati tar-reat addebitat lilu.

Illi dwar **l-ewwel element** li jehtieg li jigi sodisfatt sabiex tinstab reita' jinghad li s-suggett attiv fil-kaz odjern huwa l-gurament mehud mill-imputat meta halef il-

kontenut tar-rikors fis-27 ta' Mejju 2011. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xhieda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dan fi proceduri gudizzjarji maghmula skont il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Certament li r-rikors indizamina ma kienx xi rikors ta' xi erba' linji izda kien rikors ta' hames faccati (eskluza l-ewwel faccata billi kien fiha biss l-okkju tal-kawza) fejn fih hemm esposizzjoni dettaljata ta' kif ir-rikorrenti kienu qeghdin isostnu li d-dokumenti msemmija ma kienux jafu bl-ezistenza taghhom qabel u ghalhekk talbu li jigu ammessi f'dak l-istadju inoltrat. Inkwantu dan ir-rikors gie intavolat fi proceduri ta' natura kontenzjuza jsegwi li l-ewwel element huwa sodisfatt.

Inkwantu ghat-**tieni element** l-imputat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jargumenta li l-prosekuzzjoni tellghet bhala xhud lill-prokuratur legali Peter Paul Sammut li kkonferma li gharaf it-timbru u fuqu hemm numru tal-karta tal-identita' izda huwa ma gharafx lill-imputat u lanqas spjega kif amministra l-gurament u jekk effettivament qarax il-kontenut tar-rikors lill-imputat. Fix-xhieda tieghu[12] l-prokuratur legali Peter Paul Sammut ikkonferma li t-timbru li jidher fir-rikors li gie mahluf li jinsab a fol 201 tal-process jfisser li dak id-dokument gie mahluf u li kien huwa li ta l-gurament lill-persuna imsemmija wara li ikun ghamel cert dwar l-identita' tieghu billi jitlob il-produzzjoni tal-istess karta tal-identita'. Il-fatt li dan ix-xhud ma setax jiftakar li dakinhar huwa ssoministra l-gurament proprju lill-imputat ma jfissirx li t-tieni element huwa nieqes. It-timbru inkwistjoni jevidenzja li l-imputat inghata l-gurament minn persuna li hija kompetenti biex tissoministra gurament u li tali gurament ittiehed wara li giet ivverifikata l-identita' ta' min kien se jahlef il-kontenut tar-rikors u kif ukoll wara li nqara lilu.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex minnufih tezamina jekk madanakollu jezistux l-ahhar zewg elementi li jistghu iwasslu ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-imputat. Kif gie sottolinjat iktar 'il fuq **<u>ix-xhieda trid tkun tirreferi ghal fatt materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza</u>**.

Jirrizulta li fir-rikors li gie prezentat fis-27 ta' Mejju 2011 ghan-nom tal-appellanti, izda li gie mahluf biss mill-imputat odjern, intqal li kien hemm diversi dokumenti li gew f'idejn l-appellanti fi stadju tal-appell. Inkwantu ghall-ewwel zewgt dokumenti msemmija fl-istess rikors jirrizulta b'mod car li tali dokumenti kienu fil-fatt diga' gew ezebiti in atti fil-proceduri li kienu diga' gew decizi u li minnhom kien sar appell. Il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Cauchi tat-30 ta' Mejju 1978 kien gie prezentat waqt seduta li kienet inzammet mill-perit legali Dr Philip Bianchi fis-27 ta' April 1993. Dan il-kuntratt, li dakinhar tas-seduta kien gie immarkat bhala Dok CS, kien diga' jinsab in atti u kien ilu fl-atti ghal numru ta' snin. L-imputat Emanuel Stellini kien ukoll prezenti waqt din is-seduta ghaliex hekk jirrizulta mill-verbal ta' dik is-seduta. Tant kien prezenti li kien gie vverbalizzat mill-perit legali li dakinhar kien inqala' diverbju bejn l-imputat u huh l-iehor Gregory Stellini fuq naha u bejn Anthony Cauchi fuq in-naha l-ohra tant li kellha tissejjah il-pulizija sabiex tikkalma s-sitwazzjoni. Ghalhekk

[12] Seduta tat-13 ta' Lulju 2015

meta intqal fir-rikors li gie pprezentat u mahluf fis-27 ta' Mejju 2011 li l-appellanti gew a konoxxenza tieghu minn terzi wara li gie intavolat l-appell huwa inveritjier.

Inkwantu ghall-kuntratt l-iehor tat-23 ta' Dicembru 2002 in atti n-Nutar Paul G. Pisani ukoll intqal fl-istess rikors li dan gie skopert wara li gie intavolat l-appell. Dan mhux minnu. Tali kuntratt mhux biss kien diga' gie ezebit fil-process tal-kawza inkwistjoni [13], imma sahansitra dan il-kuntratt kien il-bazi ta' proceduri separati intentati mill-imputat u hutu intizi sabiex jigi impunjat l-istess kuntratt[14]. Waqt dawk il-proceduri fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2004, Emanuel Stellini kien xehed li:

*'Naghmel referenza ghal Mandat ta' Inibizzjoni Nru 3/2004 fl-ismijiet 'Emanuel Stellini et vs Anthony Cuachi et' li jiena u huti istitwejna ricentement kontra Anthony u Georgina konjugi Cauchi. Dan peress li ricentement sirt naf b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul Pisani tat-23 ta' Dicembru 2002. L-istess konjugi Cauchi qabdu u ttrasferew ghal fuq isimhom il-fond kollu 96/97, Saint Lucy Street, Kercem".*

Oltre' minn hekk jirrizulta wkoll li fi Frar 2004 l-imputat flimkien ma' terzi kien anki sahansitra kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir investigazzjoni proprju rigwardanti dan il-kuntratt billi sostnew li tali kuntratt sar bi frodi ghad-drittijiet taghhom. Sussegwenti ghal tali ittra jirrizulta mix-xhieda moghtija minn Anthony Cauchi f'dawn il-proceduri li huwa gie interrrogat mill-pulizija proprju fuq tali allegazzjoni.

Mhux hekk biss talli anki fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2009 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali li kienet iddecidiet dwar id-divizjoni tal-wirt ta' Michaelangelo u martu Antonia Stellini irreferiet specifikament ghal dan il-kuntratt[15].

Jirrizulta li hekk giet prezentata r-risposta tal-parte civile odjern ghar-rikors prezentat fis-27 ta' Mejju 2011 mill-ewwel giet attirata l-attenzjoni li d-dokumenti kollha (hlief ghad-dokument mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni) kienu diga' gew prezentati u l-appellat f'dik il-kawza mill-ewwel beda jsostni li l-imputat odjern ikkommetta spergur. In segwitu ghal dan il-Qorti tat provvediment biss fuq dokument mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni billi rrizulta li d-dokumenti l-ohra kienu diga' in atti.

Fil-fehma tal-Qorti ghalkemm dak li intqal fir-rikors b'referenza ghas-sejbien ta' dawn id-dokumenti kien inveritier, madankollu l-element li tali xhieda kienet se tkun fatt materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza huwa mankanti. Inkwantu ghall-kuntratt datat 30 ta' Mejju 1978 dan kien jirrigwarda l-fond numru 97, Triq Santa Lucija, Kercem. F'dan il-kuntratt Carmelo Stellini gie rikonoxxut li kien ilu fil-pussess

[13] A fol 452 sa 456 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **Joseph Stellini et vs Carmel Stellini et**
[14] Cit Nru: 111/2005
[15] A fol 11 tal-istess sentenza

kontinwu u esklussiv tal-istess fond ghal izjed minn tletin sena u li huwa ghalhekk proprjeta' assoluta tieghu. Fuq dan il-kuntratt dehret Carmela Cauchi ghan-nom ta' Giuseppa Stellini u fuq l-istess kuntratt jintqal li Carmelo Stellini li kien prokuratur generali ta' Giuseppa Stellini u ssostitwixxa minfloku lil Carmela Cauchi ghal dak il-fatt biss. Intqal fir-rikors tal-appellanti (liema rikors huwa mertu tal-proceduri odjerni) li dakinhar tal-kuntratt Giuseppa Stellini kienet ilha mejta hamest ijiem u gie ezebit certifikat tal-mewt biex dan jigi sostanzjat. Gie indikat fir-rikors li sar quddiem il-Qorti tal-Appell li huma riedu li tali kuntratt jigi ammess in atti ghaliex fil-fehma taghhom (i) kien inaqqas il-kredibilita' tal-appellati; (ii) minhabba l-aggravju li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi; u li (iii) kien relevanti minhabba d-deskrizzjoni tal-proprjeta' minhabba li fih gie indikat li r-raba' li fuqha inbena l-fond numru 97 kienet tmiss mill-punent ma' proprjeta' ta' Michelangelo Stellini u jkomplu li mill-punent l-fond numru 97 imiss proprju mal-fond 95/96, Triq Santa Lucija, Kercem li huwa l-fond li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li gie akkwistat bi preskrizzjoni akkwizittiva minn Anna Xuereb.

Illi jinghad li dan il-kuntratt tal-1978 kien jirrigwarda fond li ma kienx mertu tal-proceduri in dizamina. Kwindi zgur li ma jistax jinghad li kien dwar xi fatt materjali. Inoltre' lanqas ma seta' jkun determinanti inkwantu ghas-sottomissjoni dwar l-irjiehat u dan qieghed jinghad wara li l-Qorti ezaminat id-dokumenti u l-atti prezentati u allegati u huwa evidenti li kemm l-Ewwel Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell – li kkonfermat il-konkluzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti – li apparti referenzi ghal dokumenti, ir-ragunament tal-Qorti kien aktar ibbazat fuq dak li ntqal mix-xhieda prodotti fil-proceduri civili.

Illi imbaghad il-kuntratt tat-23 ta' Dicembru 2002 kien att dikjaratorju ta' trasferiment *causa mortis* wara l-mewt ta' Emanuel Xuereb, Laurie Xuereb u Anna Xuereb kif ukoll att ta' trasferiment tal-fond numru 95/96, Triq Santa Lucija, Kercem lil Anthony Cauchi nnifsu. Fl-istess kuntratt gie ukoll indikat li l-fond kien suggett ghal-litigju fil-Qorti. Kienet qeghda tintalab li dan id-dokument jigi ammess billi kien jevidenzja l-fatt li l-familja ta' Anna Xuereb li kienet ilha snin li mietet ma ddikjarawx li l-fond kien jifforma parti mill-assi ereditarji. Emanuel Stellini u hutu ma kienux firmatarji fuq il-kuntratt tat-23 ta' Dicembru 2002. Hekk kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha tali kuntratt kien res inter alios acta ghal Emanuel Stellini u hutu ghaliex f'kaz li d-decizjoni kellha tkun favorevoli ghalihom ikun ifisser li l-werrieta ta' Anna Xuereb f'dak il-kuntratt ikunu bieghu proprjeta' li ma kinitx taghhom u ghalhekk il-kawza li permezz taghha kien qieghed jigi attakkat l-istess kuntratt lanqas kienet relevanti ghall-ezitu u ghad-determinazzjoni ta' dawk il-proceduri li kienu jitrattaw id-divizjoni.

Dokument iehor msemmi fir-rikors tas-27 ta' Mejju 2011 li l-imputat bhala appellant u hutu ddikjaraw li ma kienx f'idejhom kien dokument ufficjali mahrug mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni anness bhala Dok D mal-istess rikors. L-avukat difensur tal-parte civile odjern kien fil-fatt iddikjara quddiem il-Qorti tal-Appell fis-seduta tat-2

ta' Lulju 2012 li dan id-dokument ma kienx diga' ezebit in atti. Imbaghad l-avukat difensur kompla billi oggezzjona ghall-prezentata ta' dak id-dokument f'dak l-istadju ghar-ragunijiet minnu indikati. Il-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell infatti kien limitat ghall-ammissjoni o meno ta' dan id-dokument. Kwindi inkwantu ghal dan id-dokument ma jistax ikun li kif inghad saret it-tfittxija ghalih wara li nstab il-kuntratt tat-23 ta' Dicembru 2002 billi kif irrizulta tali kuntratt kien ilu in atti. Oltre' minn hekk fil-provvediment moghti mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru 2012 gie ritenut li tali dokument li kien jirreferi ghad-denunzja li saret wara l-mewt ta' Anthony Xuereb lanqas kienet relevanti billi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni akwizittiva li giet sollevata fil-kawza tad-divizjoni kienet li l-proprjeta' giet akkwistata bi preskrizzjoni minn martu Anna Xuereb.

Il-parte civile jsostni wkoll li l-imputat ha gurament fejn sostna wkoll li huwa wara li nghatat is-sentenza tal-Ewwel Qorti akkwista estratt mill-*istatus animarum* tal-Parrocca ta' Kercem u l-imputat flimkien mal-atturi l-ohra kienu stqarrew li *'jixtiequ jigbdu l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li huma kienu diga' ttentaw jiksbu din l-informazzjoni matul il-kors tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, izda sabu rezistenza mill-amministrazzjoni tal-Parrocca ta' Kercem peress li l-Kappillan ta' dak iz-zmien kien irrifjuta li jghaddilhom din l-informazzjoni peress li kkontenda li din kienet koperta bid-data protection'.*

Il-parte civile jirreferi ghal stqarrija ezebita tal-ex kappillan tal-Parrocca ta' Kercem fejn dan cahad kategorikament li huwa kien oppona li jirrilaxxa kopja tal-*istatus animarum.* U dan apparti l-fatt li riassunt tal-istess kien diga' gie ezebit mill-konvenuti fis-seduta tta-22 ta' Gunju 2000 quddiem il-perit legali.

Dwar dan id-dokument l-imputat min-naha tieghu esebixxa wkoll dokument li nhareg mill-Kurja ta' Ghawdex fejn fih inghata permess sabiex jezamina r-registri tal-istatus animarum tal-Parrocca ta' Kercem liema ittra hija datata 4 ta' Mejju 2011 u kwindi wara li gie intavolat l-appell mid-decizjoni tal-Ewwel Istanza. L-Ex kappillan Dun Frangisk De Brincat ma giex prodott bhala xhud f'dawn il-proceduri u kulma xehed inkwantu ghal dan id-dokument huwa biss Anthony Cauchi u tenut kont li ma ngabux provi ohra univoci b'referenza ghal dan id-dokument zgur li l-Qorti ma tistax tikkonkludi li inghatat testimonja falza jew ittiehed gurament falz. D'altronde' ma jistax ukoll ma jigix innutat li l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha b'mod skjett rreferiet ghad-dikjarazzjoni li saret fid-19 ta' Gunju 2000 mill-kappillan tal-parrocca ta' Kercem Dun Frangisk De Brincat (li rrefera ghall-istatus animarum tal-1929) li skont il-konvenuti kienet prova li d-dar kienet inbniet fl-1929 u qalet hekk:

*'Madankollu, il-qorti ma tatix wisq importanza lil din id-dikjarazzjoni in kwantu Lucia Stellini xehedet li wara z-zwieg, ohtha kienet ghamlet kwzai sena tghix mal-genituri "…fejn fil-fatt twieled Manuel Xuereb" (Fol. 459), u jidher li z-zwieg sar f'Mejju 1930 (ara dikjarazzjoni notarili a fol 51). Ghalkemm fid-dokument jinghad li l-konjugi Xuereb kienu ghamdu lil uliedhom Emmanue, Carmela, Silvia, George, Maria, Lucija, M'Angelo, Maria Loreta u Antonia gewwa Kercem, fil-fehma tal-qorti dan m'huwiex*

*ta' relevanza fl-investigazzjoni biex jigi stabbilit jekk il-fond sarx proprjeta' ta' Anna Xuereb permezz tal-preskrizzjoni akkwizittiva. M'huwiex kontestat li Anna Xuereb u zewgha ghamlu snin twal ighixu f'dan il-fond qabel emigraw lejn l-Awstralja'.*

Meta imbaghad wiehed jaqra s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti lanqas biss taghmel referenza ghall-istatus animarum. Kwindi minn dan isegwi li tali xhieda in konnessjoni ma' dan id-dokument ma kinitx tirreferi ghal fatt materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza.

Il-Qorti tista' tieqaf hawn ladarba t-tielet element necessarju sabiex jissussisti r-reat huwa mankanti. Madankollu se tkompli billi tanalizza jekk l-intenzjoni kriminuza kinitx prezenti. Tqis li tali intenzjoni wkoll kienet nieqsa. Anki fix-xhieda tieghu l-imputat innifsu jghid li huwa halla f'idejn l-avukat u ma kienx se jonfoq il-flus u jidhol f'hafna inkonvenjent ta' giri biex igib id-dokumenti inkwistjoni. Hekk kif gie rilevat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-istess imputat : ladarba d-dokumenti kienu diga' prezentati xi bzonn kien hemm li jergghu jigu prezentati? L-imputat, appellant f'dawk il-proceduri, ma kien se jiggwadanja assolutament xejn bil-prezentata ta' dokumenti li kienu diga' jinsabu in atti. Anzi kieku thallew jigu ezebiti din il-Qorti temmen li matul il-qari tal-process biex tinkiteb is-sentenza kien se jemergi li d-dokumenti kienu diga' prezentati u dan il-fatt kien aktar jimmina t-tezi u l-kredibilita' tal-appellanti. Certament li kienu ikun ahjar li kieku l-imputat minflok halla f'idejn l-avukat ivverifika sew l-atti ladarba kien se jiehu gurament u ma kienx jidhol f'hafna nkwiet izda tali nuqqas ma jwassalx ghal formazzjoni ta' intenzjoni kriminuza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnha.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**